

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *OZ hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 335, 19.12.2016 (kawża inizjament irreġistrata quddiem it-Trubunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-37/16 u ttrasferita quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2017 – LG Electronics vs EUIPO (QD)

(Kawża T-650/16) ⁽¹⁾

(“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali QD — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1) (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”)

(2017/C 283/70)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: LG Electronics (Seoul, il-Korea t'Isfel) (rappreżentant: R. Schiffer, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Rajh, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Mejju 2016 (Każ R 2046/2015-1), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjali verbali QD bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *LG Electronics hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 402, 31.10.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Lulju 2017 – Il-Kummissjoni vs RN

(Kawża T-695/16 P) ⁽¹⁾

(“*Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Konjuġi superstiti — Pensjonijiet — Pensjoni tas-superstiti — Artikolu 20 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà — Żball ta' liġi*”)

(2017/C 283/71)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A.-C. Simon, F. Simonetti u G. Gattinara, aġenti)

Appellat: RN (rappreżentant: F. Moyses, avukat) u l-Parlament Ewropew (rappreżentanti: M. Ecker u E. Taneva, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla) tal-20 ta' Lulju 2016, RN vs Il-Kummissjoni (F-104/15, EU:F:2016:163), u intiż għall-annullament tagħha.